MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 407/2014

**Mark Sammut**

**(ID 155773M)**

**Vs**

**A.L. Investments Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-23 ta' Gunju, 2014 fejn l-attur talab li s-socjeta' konvenuta thallas lir-rikorrenti s-somma ta' tlett elef u disa u ghoxrin Ewro(€3029) rapprezentanti hlasijiet li ghamel l-attur u li kellhom ikunu a karigu tal-konvenut li minkejja l-ftehim bejn il-partijiet fil-gimghat li ghaddew xorta talab minghand ir-rikorrenti l-ammont ta' fluis li jinkludi dak imhallas mill-esponenti kif sar jirrizulta waqt il-kawza.

Bl-ispsejjez, bl-imghax u minn issa s-socjeta' intimata ngunta ghas-subizzjoni .

Il-konvenut eccepixxa permezz ta’ risposta pprezentara fil-21 ta’ Lulju, 2014 illi:

1. Fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-azzjoni attrici hija nulla u rritwali stante li l-avviz tat-Talba odjerna hija redatta b’ mod lankoniku ghall-ahhar b’ tali mod u manjiera illi ma huwiex possibbli ghall-konvenut li fir-rigward tat-talba jiddetermina fejn u meta gara, u fir-rigward ta’ xiex saru l-allegati hlasijiet;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost it-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur;

3. Salv eccezzjonjiet ulterjuri.

It-Tribunal semgha l-partijiet u ra d-dokumenti pprezentati mill-partijiet. Din il-kawza tirrigwarda bilanc ta’ hlas ta’ tlett elef Liri Maltin (Lm3000) li l-attur kien fadallu jhallas lis-socjeta’ konvenuta wara li din tlesti x-xoghlijiet miftehma. Ghal dawn it-tlett elef liri Maltin(Lm3000) inhargu kambjali.

L-attur isostni illi dawn hallashom isza fis-sena 2014 is-socjeta’ konvenuta ezercitat d-dritt taghha tal-kambjali u harget mandat fejn ingibdu erbat elef, tlett mija u erba u hamsin Ewro u sebghin centezmu (€4, 354,70c).

L-attur spjega illi hu kien hallas hames mitt Liri Maltin (Lm500) lil tal-aluminium u hames mitt Liri Maltin (Lm500) lill-kumpanija konvenuta biex hekk qal hallas l-ewwel elf Lira maltija (Lm 1000). Dan il-hlas jidher illi hemm qbil fuqu u li thallas verament. Rigward it-tieni elf Lira maltija (Lm 1000) l-attur jghid illi hallas l-installazzjoni tad-dawl fill-flat liema ammont kellu jithallas mis-socjeta’ konvenuta. Fuq dan il-hlas ma hemmx qbil ghaliex l-attur jghid illi hallas l-installazzjoni kollha tad-dawl fill-flat mentri s-socjeta’ konvenuta tghid illi l-attur hallas biss xoghlijiet

extra li ordna dan stess fil-flat tieghu.  Is-socjeta’ konvenuta ssostni li hallset il-kumplament lil min ghadda d-dawl.

Il-partijiet ma qablux fuq dan il-hlas u l-provi li ngabu kienu stima fill-kont, mamma tac-cekkijiet imhallssa mis-socjeta’ konvenuta li ma jkoprux l-ammont kollu. L-attur  lanqas jipprovdi prova cara li fil-fatt hallas hu l-ammont intier meta ghadda d-dawl. Gie prezentat pero dokument LM3 li jindika fill-fatt li l-electrician kien fadallu jigbor l-ammont ta’seba mija u wiehed u tmenin Liri maltin (Lm781) minghand Mark Sammut, l-attur. Dan l-ammont jidher li huwa l-kont tax-xoghlijiet extra li ordna l-attur.

It-Tribunal mhux sodisfatt illi l-attur jirnexxilu jipprova l-hlas tieghu lil dan l-electrician ghall-ammont intier tax-xoghlijiet li sar fil-flat li qal li kellhom jigu pacuti mat-tieni elf Lira Maltin (Lm1000) li kellhom jithsallsu lis-socjeta’ konvenuta. It-Tribunal jemmen illi l-attur hallas ghal dak ix-xoghol extra li ried fil-flat tieghu.

It-Tribunal ikompli jikkunsidra l-kwistjoni tal-lift . Jidher illi l-attur ghamel spejjez ta’tlett mija u tlett Ewro u hamsin centezmu (€303.50c)  li huwa terz tal-ammont fid-dokument MS3 ipprezentat mill-attur. Is-socjeta’ konvenuta lanqas taqbel ma dan l-ammont li thallas u tghid li dan thallas *ad insaputa* taghha. It-Tribunal jinnota pero l-lift kellu jinhariglu certifikat li qatt ma gie prodott mis-socjeta’ konvenuta u fis-sena 2011 l-attur flimkien mas-sidien l-ohra tal-appartamenti hallsu biex dan il-lift jigi in regola u jiffunzjona tajjeb.

It-Tribunal huwa  sodisfatt mill-provi prodotti illi l-attur kellu kull dritt illi jirranga s-sitwazzjoni tal-lift wara hafna zmien li s-socjeta’ konvenuta naqset illi taghmel.

It-Tribunal ghalhekk isostni li jkun gust illi l-attur jigi kompensat ghall-hlas li ghamel tal-lift u ghlehekk jilqa t-talba attrici limitatament ghall-ammont ta’ tlett mija u tlett Ewro u hamsin centezmu (€303.50c) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu mis-socjeta’ konvenuta.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------